REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/882

tat-23 ta' Mejju 2017

dwar id-derogi mir-regoli tal-oriġini stabbiliti fil-Protokoll 1 tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa, u l-Istati EPA SADC min-naħa l-oħra, li japplikaw fi kwota għal ċerti prodotti min-Namibja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 58(1) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2016/1623 ([2]), il-Kunsill awtorizza l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa, u l-Istati EPA SADC min-naħa l-oħra ([3]) ("il-Ftehim"). L-Istati EPA SADC huma l-Botswana, il-Lesoto, il-Mozambique, in-Namibja, is-Swaziland u l-Afrika t'Isfel. Skont id-Deċiżjoni (UE) 2016/1623, il-Protokoll irid jiġi applikat fuq bażi provviżorja, sakemm jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu. Il-Ftehim jibda japplika fuq bażi provviżorja mill-10 ta' Ottubru 2016.

(2) Il-Protokoll 1 tal-Ftehim jikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti tal-oriġini" u l-metodi ta' koperazzjoni amministrattiva. Għal prodott speċifiku, jiġifieri t-tonn Albacore ppreparat jew ippreservat (*Thunnus alalunga*) tal-Intestatura SA 1604, manifatturat minn tonn Albacore mhux tal-oriġini tal-Intestaturi SA 0302 jew 0303, l-Artikolu 43 ta' dak il-Protokoll jipprovdi għal deroga awtomatika mir-regoli tal-oriġini stabbiliti f'dak il-Protokoll fil-qafas tal-kwota annwali mogħtija lin-Namibja. Għaldaqstant jeħtieġ jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dawk id-derogi għall-importazzjonijiet min-Namibja.

(3) Il-kwota stabbilita fl-Artikolu 43(10) għall-Protokoll 1 tal-Ftehim jenħtieġ tiġi ġestita mill-Kummissjoni abbażi tal-ordni kronoloġika tad-dati ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjonijiet doganali għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera b'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([4]).

(4) L-intitolament li wieħed jibbenefika mill-konċessjonijiet tariffarji jenħtieġ ikun soġġett għall-preżentazzjoni tal-prova rilevanti tal-oriġini lill-awtoritajiet doganali.

(5) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni mingħajr intoppi tas-sistema tal-kwoti stabbilita mill-Protokoll, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-istess data bħal dik tal-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-derogi mir-regoli tal-oriġini favur in-Namibja stabbiliti fl-Artikolu 43(10) tal-Protokoll 1 tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa, u l-Istati EPA SADC min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), għandhom japplikaw fi ħdan il-kwota stabbilita fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1623 tal-1 ta' Ġunju 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja ta' Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati EPA SADC, min-naħa l-oħra (ĠU L 250, 16.9.2016, p. 1).
([3]) ĠU L 250, 16.9.2016, p. 3.
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

Artikolu 2

Sabiex jibbenifikaw mid-derogi stabbiliti fl-Artikolu 1, il-prodotti elenkati fl-Anness għandu jkollhom magħhom prova tal-oriġini kif stabbilit fl-Anness III tal-Protokoll 1 tal-Ftehim.

Dan li ġej għandu jitniżżel fil-kaxxa 7 taċ-ċertifikat taċ-ċaqliq EUR.1 maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti tan-Namibja skont dan ir-Regolament: "Deroga — Regolament (UE) 2017/882".

Artikolu 3

Il-kwota stabbilita fl-Anness għandha tiġi ġestita b'konformità mal-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-10 ta' Ottubru 2016.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Mejju 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-lingwaġġ tad-deskrizzjoni tal-prodotti fil-ħames kolonna ta' din it-tabella għandu jiġi kkunsidrat li għandu biss valur indikattiv. L-iskema preferenzjali hija determinata, fil-kuntest ta' dan l-Anness, mill-kodiċijiet NM applikabbli fil-mument tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

Nru tal-Ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (ṭunnellati ta' piż nett jekk mhux speċifikat mod ieħor)
09.1600	ex 1604 14 41 ex 1604 14 46 ex 1604 14 48 ex 1604 20 70	30 92, 97 30 92, 97	Tonn Albacore ppreparat jew ippreservat (*Thunnus alalunga*) tal-Intestatura SA 1604, manifatturat minn tonn Albacore mhux tal-oriġini tal-Intestaturi SA 0302 jew 0303	Mill-10.10 sal-31.12.2016 Mill-1.1 sal-31.12.2017 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.1 sal-31.12.	178 800